le. Mhux biss: jekk l-abjad insejjaħlu iswed naf li tgħid bħali. Mhux hekk ?

—B...

—Bravu, iva naf li tgħidli bravu, għax ippruvajtni kemm-il darba u qatt ma għelejt miegħi. Għax aħna rġiel it-tnejn mhux bħal ħafna. Għalhekk jien il-lum ukoll narġa' ngħidlek: kull ma trid: tiegħi huwa tiegħek; kull ħaġa li trid: flus biss ma nistax intik: li kont nista' kont intik ukoll.

—...

—Naf, li ma għandekx bżonn. Mhux biss, iżda inti għandek minn fejn tagħti lili. Imma b'dankollu jien niżżikħajr, il-għaliex għal-lum ma ninħtieġx flus, iżda jekk jonqsuni tibżax għandek l-ewwel ma niġi niġri ħalli tislifni xi ħaġa. Aktarx il-ġimgħa d-dieħla infittxek billi jagħlaqli l-kera u billi xtrajt ħafna ħwejjeġ u x'naf jien ma naħsibx li nlaħħaq waħdi. Iżda l-ħbieb għalhekk qegħdin. Id taħsel l-oħra, imma mita l-id il-leminija—ngħidu aħna— tkun daqsxejn mitruħa—ix-xellugija jkollha tagħmel ix-xogħol kollu. Bħal issa, jien hija l-id il-leminija. U int. Xi tgħidli ?

—Eh...

—Żomm, żomm, għax sarli l-ħin darb'oħra narġgħu niltaqgħu u nitħaddtu iżjed fit-tul ! fejn jien infehmek xi ħwejjeġ aħjar, għax ma nistax noqgħod hawn iżjed għal-lum.

U warrabni b'daqqa li xejjirli fuq żaqqi, niżel il-bankina, foroq in-nies u telaq ilebbet, qasam it-trieq kollha, u lewa lejn it-Trieq tal-Monti, u lili ħallieni miblugħ, mixrub, bla ma nista' niftaħ fommi biss, lanqas biex ngħidlu li kellu ċ-ċoff tal-għonq imdawwar la ġenbha, u l-kappell ta' wara quddiem !

A. F. R.

## "Laqgħa ta' l-Imseħbin"

Biex l-imseħbin tal-Għaqda jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien u jitkellmu fuq il-Letteratura Maltija, il-Kumitat qata' li jibdew isiru laqgħat għal dan il-ħsieb. L-ewwel laqgħa ta' din ix-xorta saret il-Ħadd 12 ta' Frar, 1939. Fiha :

Il-Mons D. Karm Psaila qara l-poema "Otia Aestiva";

Dr. J. Galea qara kapitolu mir-Rumanz tiegħu "San Ġwann";

Is-Sur F. S. Caruana qara traduzzjoni ta' kapitolu mill-Fjuretti ta' S. Franġisk;

Is-Sur Ġorġ Pisani qara sunett "Tliet Għannejja." u

Is-Sur A. Buttiġieġ qara poeżija "Lill-musa Tiegħi."

## TAGĦRIF

—Waslitilna din l-ittra mibgħuta uffiċjalment mis-Segretarju tax-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti, fejn fiha huwa għarrafna bit-twaqqif ta' din l-Għaqda u billi, milli jidher u kif hawn imniżżel fiha, għandha l-istess għan tagħna, aħna nilqgħuha bil-qalb kollha u nixtiqulha ħajja twila u suċċess kbir fil-ħidma tagħna.

266, Triq San Gejtanu,
Ħamrun, Malta.
Is-27 ta' Marzu, 1939

Għaziż Segretarju,

B'din l-ittra rrid ingħarraf lilek u 'l-imseħbin kollha tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li x-Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti" tinsab issa mwaqqfa bil-Kumitat u bir-regulamenti tagħha kif għandu jkun.

Il-għan tax-Xirka tagħna huwa li "jixxerred il-Malti bħala lsien letterarju u li jitħarsu jeddijietu", kif igħid ir-regulament IIb., li jaqbel għal kollox mar-regulament 2b. ta' l-istatut tagħkom. La darba għandhom l-istess għan, ix-Xirka tagħna u l-Għaqda tagħkom ma jistgħux ma jkunux ħbieb li jgħinu lil xulxin u li jaħdmu għalenija, biex ikun jista' jimxi iżjed 'il quddiem l-ilsien għażiż ta' art twelidna.

Ma rridx inħalli barra li bosta minn l-imxerkin tagħna huma wkoll imseħbin fil-Għaqda tagħkom.

Inselli għalik ħafna u għall-imseħbin kollha tal-Għaqda, u nitolbok tgħoddni

Dejjem Tiegħek,
(Iffirmat) Anton Buttiġieġ
Segretarju.

Is-Segretarju
"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

—Il-*Melita*, organu tal-Maltin ta' Tunes li fuqu tkellimna qabel fil-*Malti* tagħna, f'wieħed mill-aħħar numri tiegħu beda serje letterarja Maltija. L-ewwel waħda minn din isserje ħarġet fil-għadd tal-5 ta' Frar 1939 fejn hemm traduzzjoni bil-Franċiż tal-magħruf Laurent Ropa ta' "l-Jien u lil hinn minnu" ta' Dun Karm.

—Waslilna l-għadd tal-"*Messaġġier Malti tal-Qalb ta' Ġesù*" ta' April, bħala tafkira tal-Kungress Ewkaristiku li sejjer isir f'April li ġej. Għadd sabiħ tassew, mimli b'artikoli u poeżijiet ta' l-aħjar kittieba, imżewwaq bi stampi mill-aħjar u miktub b'Malti ·tajjeb u bl-ortografija tagħna. Min jikseb kopja tiegħu jkun kiseb ħaġa tassew għażiża għall-qalb ta' Malti!